MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Diċembru, 2019

Rikors Maħluf Numru 534/2017 LM

**Reuben Borg (K.I. Numru 34089M) u Sharon Borg (K.I. Numru 222684M) kemm fil-kwalità tagħhom bħala eredi ta' Enrico Borg (K.I. Numru 771454M) u f'isimhom proprju**

***vs.***

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa u b'digriet tat-23 ta' April 2018 ġie msejjaħ fil-kawża d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fl-14 ta' Ġunju, 2017 mill-atturi **Reuben Borg** (K.I. 34089M) u **Sharon Borg** (K.I. 222684M), (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Reuben Borg (K.I. 34089M) stess, li jgħid kif ġej:

1. *Illi nhar l-24 ta' Mejju 2016, seħħ inċident fl-Isptar Monte Carmeli illi permezz tiegħu, Enrico Borg, illum deċedut, korra serjament u sofra diżabilità permanenti kif ukoll komplikazzjonijiet mediċi illi wasslu għall-mewt tiegħu;*

2. *Illi l-inċident ġie kkawżat billi ċeda manku (handrail) li miegħu kien qiegħed iserraħ Enrico Borg, dak iż-żmien rikoverat ġewwa l-Isptar Monte Carmeli u li din iċ-ċirkustanza ġrat unikament kawża ta' negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-saħħa u sigurtà da parti tal-management u l-impjegati tal-Isptar Monte Carmeli;*

3. *Illi konsegwenza tal-inċident de quo, Enrico Borg sofra ksur u feriti oħra fuq persuntu, aggravati mill-fatt li ġie mċaqlaq u imqiegħed fuq siġġu tar-roti minn ħaddiema tal-Isptar Monte Carmeli minkejja illi kien diġà evidenti li d-danneġġjat kien qed isofri minn ksur u ma kellux jiġi mċaqlaq;*

4. *Illi dan it-tqandil negliġenti kkaġuna aktar ħsara fuq persunt id-deċedut Enrico Borg tant illi saħħtu baqgħet tiddeġenera sakemm miet ftit tax-xhur wara;*

5. *Illi, b'konsegwenza ta' dan l-inċident, fl-ewwel lok id-deċedut ġarrab diżabilità permanenti fuq persuntu, u fit-tieni lok dan l-inċident wassal ukoll għal diżabilità totali stante l-mewt tiegħu hekk kif inhu ċċertifikat b'Dok. EB1;*

6. *Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u konsegwenzjali ħlas ta' danni personali u materjali sofferti mill-esponent, anki permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 20 ta' Settembru 2016 (Ittra Uffiċjali Numru 3082/2016) (kopja tagħha hawn annessa u mmarkata bħala Dok. EB2), l-istess intimat nonostante baqa' inadempjenti u rrespinġa kwalunkwe responsabbilità;*

7. *Illi d-deċedut Enrico Borg sofra danni li sal-mewt tiegħu kienu għadhom ma ġewx likwidati, u li għalhekk huma l-eredi tal-imsemmi Enrico Borg li llum il-ġurnata qegħdin jesiġu dritt illi ddevolva fuqhom, u kif ukoll jesiġu danni morali f'isimhom proprju;*

8. *Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment u sofrew danni materjali kif ukoll morali bit-telfa ta' membru tal-familja tagħhom;*

9. *Illi kawża tal-mewt tiegħu, l-eredi tad-deċedut Enrico Borg jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-jedd mogħti lilhom mil-liġi skont l-Artikolu 1046 u artikoli oħra tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża għad-danni.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, jgħid il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1) *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimat Segretarju Permanenti għall-Ministeru tas-Saħħa li taħtu taqa' r-responsabbilità legali dwar it-tmexxija tal-isptarijiet tal-Istat, huwa unikament responsabbli għall-inċident imsemmi għad-danni kollha li sofra Enrico Borg u l-eredi tiegħu b'konsegwenza ta' dan l-inċident;*

2) *Tillikwida d-danni kollha personali, morali u materjali sofferti minn Enrico Borg u l-eredi tiegħu, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi jekk ikun il-każ;*

3) *Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata u dikjarata bħala dovuta in linea ta' danni.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 20 ta' Settembru 2016 (Ittra Uffiċjali Numru 3082/2016) u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat li huwa minn issa stess inġunt in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tas-**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa**, (minn issa 'l quddiem "il-konvenut"), ippreżentata fl-10 ta' Lulju, 2017, liema risposta ma ġietx maħlufa, fejn ġie eċċepit:

*Illi preliminarjament huwa ma hux il-leġittimu kontradittur u ġie mħarrek inutilment stante illi huwa mhuwiex Kap tad-Dipartiment ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet vantati mill-atturi jikkonċernaw servizz tas-saħħa liema servizz jaqa' taħt ir-responsabbilità tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa u dana ai termini tal-Artikolu 6 sub-artikolu 1 tal-Att dwar is-Saħħa, il-kap ta' liema Dipartiment huwa d-Direttur Ġenerali u dana ai termini tal-Artikolu 6(2) u l-istess Direttur Ġenerali għandu r-rappreżentanza ġuridika u legali tad-Dipartiment ai termini tal-Artikolu 11 tal-imsemmi Att.*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi ma għandhom ebda locus standi qua eredi stante illi ebda dokument ma ġie esebit illi jindika illi huma l-eredi tad-defunt Enrico Borg kif minnhom allegat.*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi lanqas għandhom locus standi meta qed jaġixxu f'isimhom proprju stante illi l-obbligu tal-istituzzjoni illi tagħti kura u serviġi hija versu l-pazjent u ma testendix lejn terzi.*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba għad-danni morali hija infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi l-liġi nostrana tipprovdi biss għal lucrum cessans u damnum emergens.*

*Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess fi kwalunkwe każ l-allegazzjonijiet rigwardanti kura u trattament negliġenti qed jiġu respinti in toto stante illi l-kura u serviġi illi ngħata d-defunt Enrico Borg kemm fl-Isptar Monte Carmeli kif ukoll f'Mater Dei kienu secundum arten in linea mal-ħtiġijiet mediċi u psikjatriċi tiegħu.*

*Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-imsejjaħ fil-kawża d-**Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa**, (minn issa 'l quddiem "l-imsejjaħ fil-kawża"), ippreżentata fis-7 ta' Awwissu, 2018 u maħlufa minn Dr Clarence Pace f'isem l-istess Direttur Ġenerali, li biha eċċepixxa:

*Illi preliminarjament l-atturi ma għandhom ebda locus standi qua eredi stante illi ebda dokument ma ġie esebit illi jindika illi huma l-eredi tad-defunt Enrico Borg kif minnhom allegat.*

*Illi preliminarjament, u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi lanqas għad għandhom locus standi meta qed jaġixxi f'isimhom proprju stante illi l-obbligu tal-istituzzjoni illi tagħti kura u serviġi hija versu l-pazjent u ma testendix lejn terzi.*

*Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost it-talba għad-danni morali hija infondata kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante illi l-liġi nostrana tipprovdi biss għal lucrum cessans u damnum emergens.*

*Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għall-premess fi kwalunkwe każ l-allegazzjonijiet rigwardanti kura u trattament negliġent qed jiġu respinti in toto stante illi l-kura u serviġi illi ngħata d-defunt Enrico Borg kemm fl-isptar Monte Carmeli kif ukoll f'Mater Dei kienu secundum artem in linea mal-ħtiġijiet mediċi u psikjatriċi tiegħu.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-27 ta' Mejju, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża għad-danni ġiet miġjuba mill-atturi f'isimhom personali u bħala eredi tad-defunt missierhom Enrico Borg, li fl-24 ta' Mejju, 2016 kellu inċident fl-Isptar Monte Carmeli fejn kien rikoverat u konsegwenza ta' dan huwa allegatament sofra debilità permanenti kif ukoll komplikazzjonijiet mediċi li wasslu għall-mewt tiegħu li seħħet f'Jannar tal-2017. L-atturi jgħidu li l-inċident inkwistjoni seħħ meta Enrico Borg serraħ ma' poġġaman imwaħħal mal-ħajt hekk kif kien miexi fil-kuritur tal-isptar, u dan il-poġġaman ċeda bih, bir-riżultat li Enrico Borg waqa' u sofra ksur u feriti oħra f'persuntu. L-atturi jgħidu li minkejja l-ksur ovvju li sofra missierhom, dan tpoġġa f'siġġu tar-roti minn ħaddiema tal-Isptar Monte Carmeli, u wara ttieħed l-Isptar Mater Dei għal aktar kura. L-atturi jgħidu wkoll li minkejja li sar intervent fuq missierhom, dan xorta waħda baqa' ma rkuprax u ma kisibx lura l-indipendenza tiegħu, xi ħaġa li affettwatu ħafna mentalment. Wara dan l-inċident missierhom baqa' sejjer lura minn saħħtu sakemm miet ftit tax-xhur wara. Permezz tal-azzjoni tagħhom l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għall-inċident li sofra Enrico Borg, li skont huma seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' ħarsien

tar-regolamenti tas-saħħa u s-sigurtà, u talbu li jiġu likwidati d-danni kollha morali, personali u materjali sofferti minnhom.

Min-naħa tiegħu l-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa wieġeb li huwa mhux leġittimu kontradittur u li ġie mħarrek f'dawn il-proċeduri inutilment, għax mhuwiex Kap ta' Dipartiment *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut u l-imsejjaħ fil-kawża eċċepew li l-atturi għandhom iġibu prova li huma l-eredi ta' Enrico Borg, u li l-obbligu tal-Istat huwa li jagħti kura u serviġi lill-pazjent, liema obbligu ma jestendix ukoll versu terzi. Ġie eċċepit minnhom ukoll li l-kura u s-serviġi mogħtija lid-defunt kienu *secundum artem* u li dawn ġew amministrati lilu skont il-ħtiġijiet mediċi u psikjatriċi tiegħu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors maħluf l-atturi ppreżentaw kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Enrico Borg, li miet fl-4 ta' Jannar 2017[1], flimkien ma' kopja ta' ittra uffiċjali li d-defunt Enrico Borg kien bagħat lis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa fl-20 ta' Settembru, 2016.[2] Fl-ittra uffiċjali mibgħuta minnu, Enrico Borg irrefera għal inċident li huwa kellu fl-24 ta' Mejju, 2016 fl-Isptar Monte Carmeli fejn kien rikoverat, meta waqt li serraħ ma' poġġaman imwaħħal mal-ħajt, dan ċeda bih u konsegwenza ta' dan Enrico Borg waqa' mal-art u sofra ksur u debilitajiet oħra fuq persuntu. Fl-ittra tiegħu Enrico Borg allega li dan l-inċident seħħ minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u nuqqas ta'

[1] *A fol.* 5 tal-proċess.
[2] *A fol.* 6 tal-proċess.

ħarsien tar-regolamenti tas-saħħa da parti tal-*management* tal-Isptar Monte Carmeli, u in vista ta' dan interpella lill-intimat jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni sofferti minnu minħabba fl-imsemmi inċident.

Fl-*affidavit* tiegħu l-attur **Reuben Borg**[3] xehed li hu kien ilu jgħix ma' missieru għal diversi snin. Ix-xhud qal li minkejja li missieru kellu kundizzjoni mentali u kellu wkoll l-i*sclerosis,* dan kien indipendenti ħafna u kien kapaċi jieħu ħsieb tiegħu nnifsu. Qal li missieru kien jikkomunika b'mod tajjeb, u kien jagħraf x'inhuma l-ħtiġijiet tiegħu. Ix-xhud spjega li f'Mejju tal-2016, missieru kien ġie rikoverat fl-Isptar Monte Carmeli wara li qatta' xi żmien l-Isptar Karen Grech u l-Isptar Mater Dei, minħabba problemi fin-nifs. Żied li fl-Isptar Monte Carmeli, missieru tpoġġa f'sala tal-irġiel maħsuba għal pazjenti li għandhom problemi ta' mobilità u problemi ta' saħħa mentali. Qal li fl-24 ta' Mejju, 2016, kienet ċemplitlu oħtu Sharon li infurmatu li missierhom kien waqa' u li kien ittieħed l-Isptar Mater Dei bl-ambulanza mill-Isptar Monte Carmeli. Ix-xhud qal li dak il-ħin telaq mix-xogħol u mar l-isptar biex jara missieru x'kien ġralu eżatt, u xħin wasal l-Emerġenza sab li missieru kien waħdu fost il-ħafna nies li kien hemm fid-Dipartiment tal-Emerġenza dak il-ħin. Żied jgħid li dak il-ħin missieru kien qiegħed isofri minn xokk u għalhekk ma tantx tkellem miegħu. Minkejja dan, kompla x-xhud, missieru qallu li dakinhar filgħodu kien qam mis-sodda fl-Isptar Monte Carmeli sabiex imur ipejjep sigarett, wara li kien talab għall-assistenza u baqa' ma mar ħadd biex jassistih. Ix-xhud jgħid li kien għalhekk li missieru qam waħdu u mexa sal-bieb, u hekk kif ħareġ mill-bieb tas-sala serraħ ma' poġġaman viċin tiegħu. Ix-xhud jgħid li missieru qallu li dak il-ħin il-poġġaman inqala' minn mal-ħajt, bir-riżultat li missieru spiċċa mal-art. Ix-xhud

[3] *A fol*. 16 tal-proċess.

qal li hekk kif missieru waqa' mal-art, dan ħass uġigħ kbir u beda jaħseb li kellu xi ksur, u wara xi ħin marru xi infermiera li qajmuh mill-art u poġġewh fuq siġġu tar-roti fejn ħallewh jistenna sakemm waslet l-ambulanza fuq il-post. Ix-xhud qal li madwar jumejn wara li seħħ l-inċident, hu u ommu kienu marru l-Isptar Monte Carmeli sabiex jaraw fejn kien seħħ l-inċident, iżda l-persuna li laqgħethom, ċertu Alex, ma tantx kien akkoljenti u ma riedx iħallihom jaraw il-post fejn seħħ l-inċident. Qal li hu u ommu tħallew jistennew madwar sagħtejn sakemm mar ikellimhom xi ħadd, u dak il-ħin ommu kellha l-opportunità li tiffilmja l-ambjenti fejn kienu. Żied jgħid li meta ra s-sala fejn kien missieru, seta' jara li f'din is-sala kien hemm madwar seba' sodod, u biex wieħed jasal sal-bieb ta' barra, kellu jimxi madwar ħmistax-il pass. Qal ukoll li meta mess il-poġġaman li serraħ miegħu missieru, dan inqala' u ġie f'idu, u għaldaqstant minkejja l-inċident li kien involut fih missieru,li kien seħħ xi ġranet qabel, ħadd ma kien indenja ruħu jirranġa dan il-poġġaman. Ix-xhud qal li missieru nżamm l-Isptar Mater Dei għal madwar ħmistax, minħabba li kellu ksur f'riġlejh u f'ġenbu u kellu bżonn intervent kirurġiku. Wara dan l-intervent missieru xorta waħda kien għadu batut u l-mobilità tiegħu kienet prattikament spiċċat. Ix-xhud qal li l-fatt li missieru tilef l-indipendenza tiegħu kellu impatt negattiv ħafna fuqu, u lejn l-aħħar tal-perijodu ta' konvalexxenza tiegħu dan ipprova jneħħi ħajtu b'idejh. Qal li wara xi jiem, missieru ntbagħat lura l-Isptar Monte Carmeli, fejn dam biss ftit ġranet, minħabba li kien inħakem minn dipressjoni qawwija li bdiet tikkawżalu nervi u aġitazzjoni kostanti. Qal li sabiex jippruvaw jgħinu lil missierhom, hu u oħtu ppruvaw isibulu *home* jew *carer* adattata, iżda l-ebda waħda minn dawn l-għażliet ma kienet adattata għall-kundizzjoni ta' missierhom. L-attur ikkonkluda billi qal li saħħet missieru

baqgħet sejra lura, kemm fiżikament kif ukoll mentalment, sakemm dan miet fl-Isptar Mater Dei fejn kien iddaħħal minħabba problemi fin-nifs.

Fl-*affidavit* tagħha l-attriċi **Sharon Borg**[4] qalet li fl-24 ta' Mejju, 2016, kienet irċeviet telefonata mill-Isptar Monte Carmeli fejn ġiet infurmata li missierha kien waqa' u kien ittieħed fit-Taqsima tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei minħabba li jista' jkun li kien sofra xi ksur. Ix-xhud qalet li hija marret l-isptar minnufih, fejn ġiet mgħarrfa mit-tabib li eżamina lil missierha, li dan kellu ksur gravi u li aktarx kellu bżonn intervent kirurġiku. Qalet li meta marret ħdejn missierha, dan kien fi stat ta' xokk u bilkemm kellimha. Ix-xhud kompliet tgħid li t-tobba infurmawha li l-intervent li kellu bżonn jagħmel missierha kien wieħed riskjuż. Kompliet tgħid li meta tkellmet ma' missierha, dan kien qalilha li aktar kmieni dakinhar filgħodu, huwa kien talab għall-għajnuna sabiex ikun jista' jmur ipejjep sigarett, u meta ma kien mar ħadd jassistih, kien qabad u qam waħdu mis-sodda u mexa lejn il-kuritur sabiex imur f'kamra fejn hu permess it-tipjip. Ix-xhud qalet li missierha suppost li kellu *constant watch* minħabba fil-kundizzjoni mentali tiegħu. Missierha qalilha li hu qam mis-sodda u mexa lejn il-kuritur waħdu, u f'ħin minnhom kellu bżonn iserraħ ma' poġġaman. Ix-xhud qalet li dan il-poġġaman ċeda bil-piż ta' missierha, bir-riżultat li dan waqa' fl-art, u ma setax jiċċaqlaq minħabba li kien muġugħ. Żiedet tgħid li missierha qalilha li l-persuni li marru jassistuh qandluh b'mod selvaġġ, u poġġewh fuq siġġu tar-roti fejn ħallewh għal xi ħin sakemm marret għalih l-ambulanza. L-attriċi qalet li l-infermiera ma kinux sejħu mill-ewwel għall-ambulanza peress li fil-ħin meta seħħ l-inċident kien wasal biex jispiċċa x-*shift,* u dan minkejja li kien evidenti li missierha kellu ksur. L-attriċi qalet li l-operazzjoni ta' missierha rnexxiet, u wara dan l-intervent missierha kellu

[4] *A fol.* 18 tal-proċess.

jqatta' madwar ġimagħtejn rikoverat l-Isptar Mater Dei, u wara reġa' ntbagħat l-Isptar Monte Carmeli. L-attriċi qalet li meta missierha mar lura l-Isptar Monte Carmeli, dan ma bediex jagħmel is-sessjonijiet tal-fiżjoterapija kif kien rakkommandat, u kien qiegħed jitħalla ġranet sħaħ fis-sodda jew fis-siġġu tar-roti. Ix-xhud qalet li din is-sitwazzjoni kkawżat dipressjoni u frustrazzjoni qawwija f'missierha li hu bniedem indipendenti, u l-fatt li mbagħad spiċċa dipendenti fuq ħaddieħor affettwah b'mod negattiv ħafna. L-attriċi kompliet tgħid li minkejja li hi u ħuha ppruvaw isibu *carer* jew *home* għal missierhom, dan ma kienx possibbli minħabba fil-kundizzjoni tiegħu, u kull darba li ppruvaw jeħduh f'*home,* missierha ma kienx ikun tajjeb. Ix-xhud qalet li wara l-inċident missierha spiċċa konfuż u mitluf, u minħabba l-kura li kellu bżonn, dan kien reġa' ttieħed l-Isptar Monte Carmeli. Ix-xhud qalet li f'Ottubru 2016, missierha kellu *chest infection* u reġa' ttieħed l-Isptar Mater Dei fejn miet madwar xahrejn wara.

Fl-udjenza tas-27 ta' Ottubru, 2017 xehdet **Carmen Pace**[5], li kienet miżżewġa lid-defunt Enrico Borg, għalkemm qalet li dan iż-żwieġ kien ġie annullat fis-sena 2000. Ix-xhud qalet li minkejja dan, hija xorta waħda żammet kuntatt ma' dak li kien żewġha, minħabba li kienet taf bil-kundizzjoni li kellu u minħabba li ma xtaqitx li tgħabbi lil uliedha bil-piż tal-kura ta' missierhom. Ix-xhud qalet li fl-aħħar snin ta' ħajtu Enrico Borg kien jgħix ma' ibnu Reuben. Ix-xhud qalet li wliedha dejjem kienu jżommuha infurmata bil-kundizzjoni ta' missierhom, u kienu jgħarrfuha kull darba li dan kien ikun rikoverat l-isptar. Hija kompliet tgħid li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kienet irċeviet telefonata mingħand uliedha li infurmawha li missierhom kien ittieħed l-isptar minħabba li kien waqa'. Ix-xhud qalet li hija kienet marret iżżur lil Enrico Borg l-isptar l-

[5] *A fol.* 22 tal-proċess.

għada tal-inċident, u dan kien beda jitkellem dwar il-fatt li filgħodu kien talab l-assistenza sabiex ikun jista' jmur ipejjep sigarett, u meta ma mar ħadd biex jgħinu, kien mexa waħdu lejn il-bieb tas-sala fejn kien rikoverat, serraħ ma' poġġaman li kien imwaħħal mal-ħajt li ċeda bih, u konsegwenza ta' hekk spiċċa waqa' mal-art. Ix-xhud qalet li jumejn wara li seħħ l-inċident, hija kienet marret flimkien ma' binha sabiex tkellem lin-*nursing officer* inkarigat mis-sala fejn kien rikoverat Enrico Borg, li kien kellimhom barra mis-sala. Ix-xhud qalet li hija kienet talbet li titħalla tara l-post fejn seħħ l-inċident, u wara li hi u binha tħallew jistennew barra għal xi ħin, huma ddaħħlu fis-sala fejn binha mess il-poġġaman li kien serraħ miegħu Enrico Borg, u dan inqala' minn postu u ġie f'idejn it-tifel tagħha. Ix-xhud esebiet CD bir-reġistrazzjoni tad-diskursata dwar kif seħħ l-inċident li hija kellha ma' żewġha fl-isptar[6], kif ukoll sensiela ta' ritratti li hija ħadet fl-Isptar Monte Carmeli.[7] Ix-xhud qalet li wara li seħħ l-inċident, Enrico Borg spiċċa l-ħin kollu f'siġġu tar-roti peress li kien tilef l-indipendenza tiegħu kompletament, u wara l-inċident li kellu, huwa ma xtaqx li jmur lura l-Isptar Monte Carmeli. Kien għalhekk li x-xhud u wliedha ħadu d-deċiżjoni li lil Enrico Borg jeħduh id-dar, fejn kellhom jieħdu ħsiebu prattikament il-ħin kollu minħabba li dan safa dipendenti fuq ta' madwaru għal ħafna mill-bżonnijiet tiegħu. Ix-xhud qalet li sussegwentement hi u wliedha kienu ħadu deċiżjoni li jġibu *carer* sabiex tkun tista' tassistihom, u wliedha kienu jħallsu għal dan is-servizz huma.

Waqt l-udjenza tal-24 ta' Jannar, 2018 xehed **Oswald Balzan**, *principal data protection officer* fl-Isptar Monte Carmeli[8], sabiex jippreżenta kopja tal-*file* mediku u tar-rapport li kien sar in segwitu għall-inċident li kien involut fih

[6] *A fol.* 42 tal-proċess.
[7] *A fol.* 43 tal-proċess.
[8] *A fol.* 64 tal-proċess.

Enrico Borg.[9] Ix-xhud qal li meta fl-isptar ikun hemm inċidenti bħal dak mertu tal-kawża, jintalab *incident report* li jgħaddi għand in-*nursing administration,* u dan ir-rapport imbagħad jiġi pproċessat skont il-gravità tal-każ, bħal pereżempju jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' investigazzjoni interna jew li tiġi involuta l-Pulizija. Ix-xhud qal li fl-isptar hemm persuna fil-kariga ta' *supervisor* sabiex tieħu ħsieb ix-xogħol ta' manutenzjoni li jkun meħtieġ li jsir fl-isptar. Fost id-dokumenti esebiti mix-xhud Oswald Balzan, hemm *office note* iffirmata miċ-*charge nurse* fis-sala fejn kien rikoverat Enrico Borg, bid-data tas-27 ta' Mejju, 2016, fejn ġie allegat li iben il-vittma, Reuben Borg kien qala' l-poġġaman minn mal-ħajt bil-forza waqt li kien qiegħed jitkellem mal-istess *charge nurse* Alex Caruana.[10] Mir-rapport intern tal-isptar dwar l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, jingħad li Enrico Borg kien waqa' waqt li kien qiegħed jipprova jiġbed siġġu tar-roti viċin il-bieb tad-dormitorju tiegħu fil-kuritur prinċipali.[11]

Waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu, 2018 xehed **Alexander Caruana**[12], li qal li hu *charge nurse* fil-*Male Ward 2* tal-Isptar Monte Carmeli. Qal li r-rapport esebit fil-proċess ġie ffirmat minnu, kif ukoll mit-tabiba, u qal li l-proċedura interna fl-isptar hija li meta jkun hemm inċident, timtela *accident report form* mill-uffiċjal inkarigat, u din tingħata lill-awtoritajiet tal-isptar. Ix-xhud qal li t-tabiba li ffirmat ir-rapport għamlet dan wara li invistat u tkellmet mal-pazjent Enrico Borg. Ix-xhud qal li la hu u lanqas it-tabiba li ffirmat ir-rapport ma raw l-inċident iseħħ, u sabiex għamlu r-rapport tagħhom huma kienu straħu fuq dak li qalulhom il-pazjent u l-impjegati li kienu xogħol fil-ħin meta seħħ l-inċident.

---

[9] *A fol.* 69 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 79 tal-proċess. F'din in-nota inkiteb - *"Mr Borg spoke in a very loud and defiant tone. He forcefully pulled the railings and detached them from the wall. Mr Borg's behaviour was very unethical and definitely unacceptable."*
[11] *A fol.* 83 tal-proċess. *"Patient fell off own height this morning while attempting to reach his wheelchair near dormitory door in main corridor."*
[12] *A fol.* 94 tal-proċess.

Ix-xhud qal li bħala proċedura l-pazjenti kollha fis-sala li huwa inkarigat minnha għandhom sodda bil-ġnub li jistgħu jittellgħu u jitniżżlu skont il-ħtieġa.

Permezz ta' nota ppreżentata fis-27 ta' Marzu, 2018, il-konvenuti għamlu dikjarazzjoni b'lista tal-ħaddiema li kienu xogħol fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Mejju, 2016.[13]

Fl-udjenza tat-23 t'April, 2018 xehed **Noel Vidal**[14], li dakinhar li seħħ l-inċident kien *head of shift* ġewwa l-*male ward 2* tal-Isptar Monte Carmeli, u spjega li huwa *registered mental health nurse.* Ix-xhud qal li s-sala inkwistjoni tilqa' fiha pazjenti psikoġerjatriċi, u fiż-żmien meta seħħ l-inċident kien hemm madwar tletin pazjent f'din is-sala, li lkoll kemm huma kienu dipendenti u għalhekk kellhom bżonn l-assistenza. Qal li minn dawn it-tletin pazjent, ħamsa kellhom bżonn *level one supervision,* u wieħed mill-pazjenti li kellu bżonn din it-tip ta' superviżjoni kien Enrico Borg. Ix-xhud żied jgħid li dakinhar li seħħ l-inċident kien hemm problemi ta' nuqqas ta' *staff*, u għalhekk ma kienx hemm impjegat għal kull wieħed minn dawn il-ħames pazjenti, iżda kien hemm erba' impjegati ma' ħames pazjenti. Ix-xhud qal li l-inċident inkwistjoni seħħ f'ħin tal-ġurnata meta l-impjegati jkollhom ħafna x'jagħmlu minħabba li jkunu jridu jassistu lill-pazjenti fid-diversi bżonnijiet tagħhom, kif ukoll iħejju rapporti sabiex ikunu jistgħu jagħtu *handover* lill-impjegati li jkunu ser jidħlu fix-*shift* ta' warajhom. Ix-xhud żied jgħid li meta ntalbet l-assistenza tiegħu, Enrico Borg kien ħdejn is-sodda tiegħu, u dak il-ħin Enrico kien konxju, u spjegalu li kien muġugħ fil-parti t'isfel ta' ġismu. Ix-xhud kompla jgħid li dak il-ħin huwa kien iċċekkja l-*vital signs* tal-pazjent, bħan-nifs u ċ-ċirkolazzjoni, u aċċerta ruħu li ma kien hemm ebda theddida għall-ħajja tal-pazjent. Kompla jgħid li meta hu talab

[13] *A fol.* 101 tal-proċess.
[14] *A fol.* 117 tal-proċess.

informazzjoni dwar il-mod kif seħħ l-inċident, l-impjegati li kienu viċin Enrico Borg meta seħħ l-inċident, qalulu li dan ma bediex jikkoopera meta talbuh jistenna ftit peress li dak il-ħin ma seta' jassistih ħadd biex jinżel mis-sodda u jmur ipejjep, u xħin ra hekk Enrico Borg xorta waħda żżerżaq minn fuq is-sodda tiegħu u pprova jaqbad mas-siġġu tar-roti sabiex ikun jista' jimxi bih u jmur f'kamra fejn seta' jpejjep. Ix-xhud qal li bħala l-persuna li dak il-ħin kien *in charge* mis-sala, huwa kien qabbad lil wieħed mill-impjegati jibqa' ma' Enrico Borg sakemm tasal it-tabiba fuq il-post. Ix-xhud spjega li meta huwa ntalab imur fuq il-post, il-pazjent kien qiegħed fis-sodda bir-*rails* tal-ġnub imtellgħin, u żied jgħid li s-sodod f'dik is-sala partikolari huma baxxi viċin l-art kemm jista' jkun sabiex jitnaqqas ir-riskju għall-pazjenti.[15] Ix-xhud kompla jgħid li f'każijiet simili l-ewwel ħaġa li ssir hija li l-pazjent jiġi assessjat sabiex jiġi stabbilit il-*level of consciousness* tiegħu, isir assessjar tal-*vital signs* u wara jiġi msejjaħ it-tabib. Qal li t-tabib ikun jista' jmur jara lill-pazjent skont il-prioritajiet ta' dak il-ħin. Ix-xhud żied jgħid li minkejja li fl-Isptar Monte Carmeli hemm protokoll dwar il-post u l-ħin meta jista' jsir it-tipjip, l-impjegati kienu ħafna drabi jittolleraw lil Enrico Borg ipejjep f'ħinijiet varji tal-ġurnata, anki minħabba li dan ma tantx kien jikkoopera mal-impjegati. Ix-xhud spjega wkoll li fid-dormitorju fejn kien qiegħed jinżamm Enrico Borg kien hemm xi tnax-il sodda, u dan kien isir sabiex ikun jista' jsir monitoraġġ aħjar tal-pazjenti. Żied jgħid li hekk kif toħroġ mid-dormitorju hemm poġġaman, u s-sodda ta' Enrico Borg kienet l-ewwel waħda, l-aktar waħda viċin il-bieb. Ix-xhud qal li bħala prassi l-ġnub tas-sodod jinżammu mtellgħin il-ħin kollu, iżda Enrico Borg kien bniedem li l-istatura tiegħu kienet tippermettilu jinżel mis-

[15] Fi kliem ix-xhud: "[f]uq is-sodda sibtu u r-*rails* kienu mtellgħin u s-sodda aħna peress li aħna jkollna ħafna ċirkustanzi simili għax naħdmu f'*geriatric* u jkollna ħafna bid-*dementia* u jkunu konfużi ġieli u jinżlu inbaxxuhom kemm jista' jkun mal-art. Kull ma tkun xi pied u nofs 'il fuq jew pied u ftit 'il fuq minn mal-art jiġifieri biex kemm jista' jkun innaqqsu r-*risk of falls* jiġifieri."

sodda minkejja r-*railing,* billi jiżżerżaq. Ix-xhud qal li s-sala fejn seħħ l-inċident ingħalqet temporanjament sabiex ikun jista' jsir xogħol ta' manutenzjoni fiha.

Waqt l-istess udjenza xehed **Mario Schembri**, *health assistant* fl-Isptar Monte Carmeli[16], li qal li f'dan ir-rwol huwa jassisti lill-pazjenti u lill-impjegati fix-xogħol tagħhom. Ix-xhud qal li dakinhar li seħħ l-inċident hu kien xogħol bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu, u għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu kien qiegħed jassisti pazjent ieħor fl-istess kamra fejn kien hemm Enrico Borg. Ix-xhud spjega li impjegat ieħor li kien preżenti fis-sala talbu l-għajnuna għax Enrico Borg xtaq jinżel mis-sodda sabiex imur ipejjep sigarett. Ix-xhud qal li l-ġnub tas-sodda ta' Enrico Borg kienu mtellgħin it-tnejn, iżda fil-ħin li hu kien għadu qiegħed jassisti pazjent ieħor, Joseph Bonett, l-impjegat li kien preżenti miegħu fis-sala, talab l-għajnuna tax-xhud sabiex Enrico Borg jintrefa' mill-art. Qal li biex setgħu jerfgħu lil Borg mill-art, hu u Joseph Bonett għafsu l-*brake* tas-sodda, niżżlu l-ġenb tagħha, u tellgħu l-pazjent fis-sodda.

Fl-istess udjenza xehed ukoll **Edward Hili**, *nursing aid* ġewwa l-Isptar Monte Carmeli[17], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident inkwistjoni huwa kien xogħol mis-sebgħa ta' filgħaxija sas-sebgħa ta' filgħodu, u fil-ħin meta seħħ l-inċident hu kien f'parti oħra tas-sala. Żied jgħid li meta sar jaf bl-inċident, il-pazjent involut kien diġà ttella' fis-sodda. Ix-xhud qal li meta jkun hemm inċidenti simili, l-ewwel li jiġi infurmat ikun l-infermier *in charge* mis-sala, u wara jissejjaħ it-tabib. Ix-xhud qal li fl-Isptar Monte Carmeli m'hemmx ambulanza, u kull meta jkun hemm inċidenti simili, l-ambulanza tintbagħat mill-Isptar Mater Dei.

[16] *A fol.* 129 tal-proċess.
[17] *A fol.* 135 tal-proċess.

Waqt l-udjenza tat-23 ta' Mejju, 2018, xehed **Noel Parnis**, *nursing aid* fl-Isptar Monte Carmeli[18], li qal li dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien xogħol matul il-lejl, u huwa kien wieħed mill-impjegati li kellu jagħmel xogħol ta' superviżjoni mal-pazjenti li kellhom bżonn assistenza personalizzata. Ix-xhud qal li hu ma rax l-inċident iseħħ, u sal-ħin li hu kien għadu xogħol, bix-xhud jgħid li hu jaħdem sas-sebgħa ta' filgħodu, kienet għadha ma waslitx l-ambulanza mill-Isptar Mater Dei sabiex tieħu lill-pazjent l-isptar.

Fl-istess udjenza kompla jixhed **Alexander Caruana**[19], li qal li qabel kiteb ir-rapport, huwa kien tkellem mal-impjegati li kienu xogħol matul il-lejl, u kien anki tkellem mal-pazjent. Ix-xhud qal li hu kien daħal xogħol filgħodu sabiex jibda x-*shift* ta' matul il-ġurnata, u l-inċident inkwistjoni kien seħħ madwar nofs siegħa qabel. Ix-xhud qal li meta avviċina lill-pazjent, dan beda jagħmillu sinjal li xtaq ipejjep, u hu kien infurmah li ma setax ipejjep peress li kien fis-sodda. Ix-xhud qal li Enrico Borg ġie invistat mit-tabiba tal-Isptar Monte Carmeli ftit wara t-tmienja ta' filgħodu u l-ambulanza waslet fuq il-post għall-ħabta tat-tmienja u nofs. Żied jgħid li kien hu li għarraf lill-familjari ta' Borg b'dak li kien ġara. Ix-xhud qal li dak iż-żmien Enrico Borg kellu *level one supervision,* li jfisser li kien qiegħed jiġi mmonitorjat il-ħin kollu. Ix-xhud ikkonferma li s-sala inkwistjoni tinsab temporanjament magħluqa minħabba xogħol estensiv ta' manutenzjoni li kienet teħtieġ.

Waqt l-udjenza tat-2 ta' Lulju, 2018 xehed **Jesmond Bonett**[20], li qal li hu jaħdem bħala *health assistant* fl-Isptar Monte Carmeli, u dakinhar li seħħ l-inċident huwa kien qiegħed fl-istess sala fejn kien hemm Enrico Borg,

[18] *A fol.* 154 tal-proċess.
[19] *A fol.* 157 tal-proċess.
[20] *A fol.* 165 tal-proċess.

għalkemm dak il-ħin huwa kien qiegħed jassisti pazjent ieħor. Qal li f'ħin minnhom, Enrico Borg talab l-għajnuna biex iqum mis-sodda, u hu kien qallu biex jistenna ftit minħabba li dak il-ħin hu u l-kollega tiegħu kienu qegħdin jaħslu pazjent ieħor. Kien dak il-ħin li Enrico Borg niżel mis-sodda waħdu, tilef il-bilanċ u waqa' mal-art. Qal li kif ra hekk, hu mar ħdejn Enrico Borg u ra li ma kellu qsim imkien, u wara ftit hu u l-kollega tiegħu għenuh jitla' lura fis-sodda. Ix-xhud spjega li r-*railing* tas-sodda ta' Enrico Borg kienet imtella', iżda din ma kinitx it-tul kollu tas-sodda, u kien għalhekk li dan irnexxielu jiżżerżaq mis-sodda. Ix-xhud spjega li fil-ħin meta seħħ l-inċident, Enrico Borg ipprova jinżel għas-siġġu tar-roti li kien viċin is-sodda tiegħu, u dak il-ħin dan ried bilfors jinżel ipejjep. Ix-xhud qal li mhux minnu li Enrico Borg waqa' fil-kuritur, u qal li hu jaf fiċ-ċert li dan waqa' viċin is-sodda tiegħu fis-sala, minħabba li kien hu li refgħu mill-art.

Permezz ta' nota tas-7 ta' Novembru, 2018, l-atturi ppreżentaw kopja tal-*case summary* rilaxxata mill-Isptar Mater Dei rigward il-perijodu meta Enrico Borg kien rikoverat hemmhekk bejn l-24 ta' Mejju, 2016 u l-14 ta' Ġunju, 2016.[21]

Waqt l-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2018 xehed **Mr John Anthony Casaletto**[22], li qal li hu jaħdem bħala *consultant orthopaedic surgeon,* u l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu hija fil-kura tal-ksur jew ħsara fl-għadam. Ix-xhud qal li wara li Enrico Borg waqa' fl-Isptar Monte Carmeli, dan kien iddaħħal l-isptar bi "*fractured hip*", u kellu bżonn li jsirlu intervent fil-25 ta' Mejju, 2016, magħruf bħala '*dynamic hip screw'*, li hija proċedura *standard* għal dawn it-tip ta' problemi. Ix-xhud qal li lilu ma jirriżultalux il-waqgħa kif kienet seħħet, u

[21] *A fol*. 200 *et seq*. tal-proċess.
[22] *A fol*. 206 tal-proċess.

lanqas ma jiftakar jekk kienx tkellem mad-defunt Enrico Borg dwar dan. Ix-xhud qal li wara dan l-intervent, kien hemm il-ħtieġa ta’ proċess ta’ riabilitazzjoni bil-pazjent jattendi għal sessjonijiet ta’ fiżjoterapija. Ix-xhud qal li l-aspettattiva tat-tim tiegħu kienet li wara dan l-intervent u s-sessjonijiet ta’ riabilitazzjoni, il-pazjent jerġa’ jibda jimxi.

Permezz ta’ nota tat-3 ta’ Diċembru, 2018, l-atturi ppreżentaw prospett tad-danni materjali sofferti minnhom, liema danni jammontaw għal elf, mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€1,108.20).

It-tabiba **Dr Roberta Bugeja** xehdet permezz tal-*iSkype* waqt seduta miżmuma fis-6 ta’ Diċembru, 2018 quddiem l-Assistent Ġudizzjarju l-avukat Daniela Bugeja Mangion[23], fejn spjegat li fl-2016 hija kienet għadha *foundation doctor* u għalhekk kienet qiegħda fit-tieni sena tar-*rotation* tagħha. Ix-xhud qalet li dakinhar li seħħ l-inċident hija kienet *day duty* u x-*shift* tagħha kien jibda fit-tmienja ta’ filgħodu, għalkemm qalet li ma tiftakar xejn dwar dak li kien seħħ dakinhar. Ix-xhud qalet li mir-rapport tagħha jirriżulta li hija kienet issuspettat li l-pazjent kien sofra ksur f’ġenbejh, u kien għalhekk li kienet talbet li dan jiġi ttrasferit l-Isptar Mater Dei.

Fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar, 2019 xehed **Dr Joseph Vella Baldacchino**, li qal li hu konsulent psikjatra mad-Dipartiment tas-Saħħa[24] b’mod partikolari l-Isptar Monte Carmeli. Ix-xhud qal li hu kien invista lil Enrico Borg diversi drabi, kemm fl-Isptar San Luqa kif ukoll f’Mater Dei, u hu kien jaf li saħħet il-pazjent kienet marret lura ħafna, u għamel anki żmien rikoverat l-Isptar Monte Carmeli. Ix-xhud qal li d-defunt Enrico Borg kellu problemi ta’ personalità, kien jirreaġixxi

[23] *A fol.* 232 tal-proċess.
[24] *A fol.* 237 tal-proċess.

b'aggressività u wara xi żmien kien jinħakem minn dipressjoni. Żied jgħid li l-pazjent kellu jingħata diversi tipi ta' mediċini, u kien hemm episodji fejn xejjer jew refa' jdejh, bir-riżultat li kien anki tkeċċa minn dar residenzjali privata. Ix-xhud iddeskriva lil Enrico Borg bħala:

"Jaf ikun *defiant* jaf ikun aggressiv bl-għajjat u jaf ikun ukoll *the nicest person.*"

Ix-xhud qal li fl-aħħar snin ta' ħajtu Enrico Borg kien iddgħajjef ħafna fiżikament, u konsegwenza ta' dan ma kienx rikoverat f'sala fejn kien hemm persuni bi problemi psikjatriċi biss, iżda kien hemm pazjenti li huma infermi, debboli u ħafna minnhom kienu f'sodda.

Waqt l-udjenza tat-13 ta' Frar, 2019 xehdet l-attriċi **Sharon Borg**[25], li esebiet *pen drive*[26] b'*video* li hi u ommha kienu ħadu l-għada tal-inċident, fejn missierha rrakkonta eżatt x'kien ġara. Ix-xhud ippreċiżat li dan il-filmat inġibed ftit qabel ma missierha għamel l-intervent kirurġiku li kellu bżonn.

Permezz ta' nota tat-13 ta' Frar, 2019, l-atturi ppreżentaw kopji tal-*PS3s* maħruġa mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali fir-rigward ta' benefiċċji, *allowances* u pensjonijiet li kien jirċievi d-defunt Enrico Borg bejn is-snin 2015 u 2017.[27]

Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Marzu, 2019, l-atturi ppreżentaw estratt mill-att tat-twelid kemm ta' Reuben Borg kif ukoll ta' Sharon Borg, sabiex jippruvaw li d-defunt Enrico Borg kien missierhom, flimkien ma' kopja tar-

[25] *A fol.* 244 tal-proċess.
[26] *A fol.* 246 tal-proċess.
[27] *A fol.* 247 *et seq.* tal-proċess.

riċerki testamentarji li saru f'isem Enrico Borg, minn fejn jirriżulta li Enrico Borg miet intestat.[28]

Permezz ta' nota tat-28 ta' Marzu, 2019, il-konvenut Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa ppreżenta għadd ta' dokumenti, fosthom estratt mill-istorja medika tad-defunt Enrico Borg għall-perijodu bejn it-12 ta' Marzu, 2011 sa Ġunju 2016[29]; estratt mill-istorja psikjatrika tad-defunt Enrico Borg fix-xhur bejn Mejju u Lulju 2016, bħala prova tal-kundizzjoni li kellu u tal-kura li ngħata għaliha fl-Isptar Monte Carmeli[30]; estratt mill-istorja medika dwar ir-riabilitazzjoni tad-defunt Enrico Borg[31]; kopja tan-*night report* li sar fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Lulju, 2016[32]; kopja tar-rapport li sar l-għassa tal-Pulizija fis-27 ta' Mejju, 2016[33]; kopja taċ-ċertifikat tal-mewt u tal-kawża tal-mewt tad-defunt Enrico Borg[34]; kopja tar-rapport tal-20 ta' Marzu, 2018 tal-konsulent ortopediku Mr John Casaletto[35]; kopja tar-rapport tat-22 ta' Marzu, 2018 tal-konsulent Dr Charles Mallia Azzopardi[36]; kopja tad-*discharge summary* għall-perijodu bejn l-24 ta' Mejju, 2016 sal-14 ta' Ġunju, 2016[37]; kopja ta' *discharge summary* għall-perijodu bejn l-24 ta' Ġunju, 2016 sat-28 ta' Ġunju, 2016[38]; kopja ta' *discharge summary* għall-perijodu bejn is-27 ta'

---

[28] *A fol.* 253 *et seq.* tal-proċess.
[29] *A fol.* 260 tal-proċess.
[30] *A fol.* 265 tal-proċess.
[31] *A fol.* 295 tal-proċess.
[32] *A fol.* 299 tal-proċess.
[33] *A fol.* 300 tal-proċess.
[34] *A fol.* 302 tal-proċess.
[35] *A fol.* 303 tal-proċess. F'dan ir-rapport, il-konsulent ortopediku jgħid illi: "*[h]is death is not related and has not been accelerated by this injury and as the death certificate states is due to respiratory pathology.*"
[36] *A fol.* 304 tal-proċess. Fir-rapport tiegħu, dan il-konsulent ikkonstata illi: "*[h]e presented with a long history of recurrent pulmonary chest infections on a back ground of heavy smoking. Lately he complained of increasing cough, shortness of breath, anorexia and unquantified weight loss. ... Mr. Borg's health meant that he was bed/wheelchair bound for at least 4 months prior to admission. Mr. Borg was treated for a presumed pulmonary chronic atypical mycobacterial infection and eventually discharged to MCH on the 7th October 2016. His stay at MCH was complicated by an episode of acute polmonary odema secondary to left ventricular failure and episodes of severe agitation.*"
[37] *A fol.* 306 tal-proċess.
[38] *A fol.* 311 tal-proċess.

Settembru, 2016 sas-6 ta' Ottubru, 2016[39]; kopja ta' ittra mill-*management* tal-Marina Palace Home datata 27 ta' Ġunju, 2016[40]; *affidavit* tal-konsulent psikjatra Joseph Vella Baldacchino tat-22 ta' Marzu, 2019[41]; kif ukoll *affidavits* tal-impjegati li kienu xogħol fis-sala fejn seħħ l-inċident fl-24 ta' Mejju, 2016, li wħud minnhom kienu diġà taw id-depożizzjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri.

**Philip Farrugia**, *staff nurse* fil-*male ward 2* tal-Isptar Monte Carmeli[42], kien xehed li dakinhar li seħħ l-inċident, huwa ma kienx xogħol, imma qal li lil Enrico Borg jiftakru bħala pazjent li ma kienx jimxi u li kien iqatta' l-ħin tiegħu f'siġġu tar-roti. Żied jgħid li Borg kien bniedem diffiċli, li jsir aggressiv u nervuż sabiex jieħu dak li jrid, u meta ma kienx ikollu sigaretti kien isir aktar aggressiv, tant hu hekk li kien hemm episodji fejn aggredixxa pazjenti oħra sabiex jeħdilhom is-sigaretti.

**Mario Grixti**, *staff nurse* fl-istess sala tal-isptar Monte Carmeli[43], kien xehed li Enrico Borg kellu karattru diffiċli, u minkejja li kien ordnat jieħu affarijiet likwidi jew ikel artab minħabba problemi mediċi li kellu, hu kien isir aggressiv minħabba li kien ikun irid jiekol solidu. Dan ix-xhud qal li Enrico Borg ma kienx iqum mis-sodda, u l-ħaddiema tal-isptar kienu jaħsluh fis-sodda minħabba li ma kienx iżomm sew fuq saqajh.

Ix-xhud **Marco Cassar Mallia**, *staff nurse* fis-sala fejn kien rikoverat Enrico Borg, fl-*affidavit* tiegħu kien qal[44] li dan ma kellux karattru faċli, u anki l-

[39] *A fol.* 315 tal-proċess.
[40] *A fol.* 330 tal-proċess. F'din l-ittra, l-amministrazzjoni tal-Marina Palace Home elenkat ir-raġunijiet għalfejn Enrico Borg ma setax jinżamm aktar rikoverat f'din id-dar, fosthom għax kien ibati mill-kundizzjoni tal-iskizofrenija u għalhekk kien hemm il-bżonn li dan jitpoġġa f'kamra waħdu minħabba l-varjazzjonijiet fil-burdati tiegħu, u minħabba li Enrico Borg kien ipejjep filwaqt li fid-dar residenzjali inkwistjoni ma kienx permess it-tipjip.
[41] *A fol.* 331 tal-proċess.
[42] *A fol.* 332 tal-proċess.
[43] *A fol.* 333 tal-proċess.
[44] *A fol.* 334 tal-proċess.

familjari tiegħu ma kinux jikkooperaw mal-impjegati tal-isptar partikolarment għax dan ma setax jiekol ikel solidu, u wliedu kienu jipprovdulu l-ikel li jidhrilhom huma.

**Robert Zammit**, *nursing aide* fl-Isptar Monte Carmeli, kien xehed[45] li minkejja li Enrico Borg kellu bżonn siġġu tar-roti minħabba fil-limitazzjonijiet fil-mobilità tiegħu, dan kien juża s-siġġu tar-roti bħala *walking aid.* Qal li l-pazjent ma tantx kien jikkoopera u kellu rasu iebsa, filwaqt li l-qraba tiegħu ukoll ma kinux jikkoperaw mal-impjegati, u kienu jipprovdu ikel li ma kienx adattat għall-pazjent u ma kinux jirrispettaw il-*visiting hours* tal-isptar.

Ix-xhud **Noel Parnis**, *nursing aide* fl-Isptar Monte Carmeli[46], kien qal li dakinhar meta seħħ l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri, hu kien xogħol, iżda ma kienx ra l-inċident iseħħ. Qal li meta avviċina lil Borg wara l-waqgħa, dan kien konxju u kien qed jitlob is-sigaretti. Ix-xhud qal li Borg spiss kien idur mas-sala u jitlob is-sigaretti, u meta ma jsibx lil min itih dak li jkun irid, dan kien isir aggressiv. Ix-xhud qal ukoll li l-qraba ta' Enrico Borg qajla kienu jikkoperaw mal-ħaddiema tal-isptar.

Ix-xhud **Andrew Agius**, *nursing aide* fl-istess sala tal-Isptar Monte Carmeli[47], kien xehed li Enrico Borg kien bniedem nervuż ħafna, u kien isir partikolarment aggressiv meta ma jkollux sigaretti.

Ix-xhud **Alexander Cortis**, *deputy charge nurse* fl-Isptar Monte Carmeli, kien xehed[48] li la l-pazjent Enrico Borg u lanqas il-familjari tiegħu ma kienu

[45] *A fol.* 335 tal-proċess.
[46] *A fol.* 336 tal-proċess.
[47] *A fol.* 337 tal-proċess.
[48] *A fol.* 338 tal-proċess.

jikkoperaw mal-impjegati tal-isptar. Ix-xhud semma li minkejja li Enrico Borg ma kellux jingħata ikel solidu minħabba fil-periklu li jifga, dan kien jingħata ikel solidu minn ibnu bil-moħbi. Qal ukoll li minkejja li fis-sala kien hemm regola espressa li l-ebda pazjent ma kellu jżomm *lighter* fuqu, l-attur Reuben Borg ġieli għadda *lighter* lil missieru, u kien hemm diversi drabi fejn l-impjegati tas-sala indunaw li l-pazjent kien pejjep mingħajr ma jitlob assistenza biex iqabbad is-sigarett.

Ix-xhud **Daniel Camilleri**, *staff nurse* fl-Isptar Monte Carmeli[49], kien qal li Enrico Borg kien bniedem li jsir aggressiv malajr, u kien hemm drabi meta wera aggressjoni ma' pazjenti oħra speċjalment meta ma kienx ikollu sigaretti. Ix-xhud qal li minkejja li l-*ispeech language pathologists* kienu rrakkomandaw li Borg jinżamm fuq dieta ta' likwidi u ikel artab, ibnu Reuben kien jeħodlu kull tip ta' ikel u kien jitmagħhulu huwa stess. Xhud ieħor **Anthony Camilleri**[50], *staff nurse* fil-*male ward* 2, kien qal li lil Enrico Borg jiftakru bħala *heavy smoker,* u bħala persuna li kien *wheelchair bound.*

**Noel Vidal**, *staff nurse* fl-Isptar Monte Carmeli, kien xehed[51] li fil-ħin meta seħħ l-inċident huwa kien *head of shift,* imma ma kienx ra l-inċident iseħħ. Ix-xhud qal li Enrico Borg waqa' għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu, u dak iż-żmien il-pazjent kellu bżonn superviżjoni stretta flimkien ma' erba' pazjenti oħra, kategorizzati bħala *supervision level one.* Qal li ma' dawn il-ħames pazjenti, kien hemm erba' impjegati jagħmlu s-superviżjoni. Ix-xhud qal li f'ħin minnhom kien hemm impjegati li għajtulu minħabba li Enrico Borg kien iżżerżaq mill-ispazju ta' bejn il-ġenb imtella' tas-sodda u t-tastiera tan-naħa

[49] *A fol.* 339 tal-proċess.
[50] *A fol.* 340 tal-proċess.
[51] *A fol.* 341 tal-proċess.

tas-saqajn. Qal li dak il-ħin Borg kien diġà ntrefa' mill-art u tpoġġa fis-sodda u meta ċċekkjalu s-sinjali vitali, sab li dawn kienu tajbin. Ix-xhud kompla jgħid li meta mar fuq il-pazjent dan kien jidher skomdu, iżda meta kellmu, dan għamillu sinjal li ried is-sigaretti. Ix-xhud żied jgħid li wara l-inċident, il-pazjent ittieħed l-Isptar Mater Dei u wara l-Isptar Karen Grech għar-riabilitazzjoni, u wara l-interventi li sarulu, il-mobilità tiegħu tjiebet. Ix-xhud qal li l-mewt ta' Enrico Borg li seħħet fl-4 ta' Jannar, 2017, ġrat minħabba problemi kkawżati mit-tipjip eċċessiv. Ix-xhud kompla jgħid li Enrico Borg kellu *care plan* imfassal mit-tobba u mit-terapisti, u minkejja li kien rakkommandat li dan jingħata ikel likwidu jew artab, ibnu kien jipprova jtih ikel li ma jgħoddx għalih. Ix-xhud qal li kien hemm drabi meta fuq il-pazjent instabu *lighters,* li huma pprojbiti f'dik is-sala partikolari tal-isptar. Ix-xhud qal li l-pazjent kien rasu iebsa u kien hemm drabi meta kien aggressiv anki ma' pazjenti oħra. Qal li fis-sala fejn kien qiegħed jinżamm dan il-pazjent m'hemm l-ebda poġġaman, u l-poġġaman qiegħed fil-kuritur. Qal ukoll li Enrico Borg ma waqax għaliex tqaċċat il-poġġaman, iżda għax ipprova joħroġ mis-sodda meta kellu l-ġnub mgħollijin. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li l-pazjent waqa' quddiem is-sodda li kienet baxxa.

Xhud ieħor, **Alexander Caruana**[52], *charge nurse* fl-isptar Monte Carmeli, qal li Enrico Borg kien pazjent diffiċli, li kien "jgħix biex ipejjep", u fiżikament kien batut ħafna, filwaqt li kellu l-mobilità tiegħu ristretta ħafna wkoll. Ix-xhud qal li dan il-pazjent partikolari kien iqatta' ħafna mill-ħin tiegħu fis-siġġu tar-roti. Qal li meta l-pazjent kien għamel żmien rikoverat fl-Isptar Karen Grech, dan kien ġie dimess minn dan l-isptar minħabba li kien aggressiv mal-impjegati u minħabba li kien ipprova jweġġa' lilu nnifsu. Ix-xhud spjega li fil-11 ta' Mejju, 2016, wieħed mis-swaba' ta' saqajn il-pazjent kien ġie amputat, u wara l-

[52] A fol. 342 tal-proċess.

amputazzjoni, il-pazjent kien irritorna lura l-isptar Monte Carmeli fit-18 ta' Mejju 2016. Ix-xhud qal li l-inċident inkwistjoni seħħ fl-24 ta' Mejju, 2016 għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħodu u dak il-ħin huwa kien għadu ma bediex il-ġurnata tax-xogħol. Spjega li meta ħa *over* mill-impjegati li kienu xogħol matul il-lejl, dawn infurmawh li Borg kien irnexxielu jiżżerżaq mis-sodda mill-ispazju ta' bejn ir-*railing* tal-ġenb tas-sodda u t-tastiera fin-naħa tar-riġlejn. Skont l-impjegati li kienu xogħol dak il-ħin, il-pazjent kien baqa' konxju, u mexxew bis-solita proċedura meta jseħħu inċidenti bħal dawn. Ix-xhud qal li meta kellem lill-pazjent, dan kien konxju, u kien qiegħed jitlob is-sigaretti. Ix-xhud żied jgħid li fil-*male ward 2* tal-isptar Monte Carmeli, is-sodod jinżammu bil-ġnub imtellgħin, u Enrico Borg ma waqax mis-sodda għax ma kellux il-ġnub imtellgħin, iżda għax għadda mill-ispazju ta' bejn il-ġenb u t-tastiera, tant hu hekk li l-pazjent ma waqax mal-art ħdejn is-sodda, iżda ġie quddiem is-sodda ħdejn il-bieb tal-kamra. Ix-xhud żied jgħid li hu kellu diversi problemi ma' Reuben Borg, it-tifel tal-pazjent, għax dan kien jinjora r-regoli tas-sala, partikolarment billi kien jgħaddi l-*lighters* u s-sigaretti lil missieru bil-moħbi, kontra r-regoli ta' dik is-sala, u f'ċirkostanzi meta missieru kellu problemi ta' saħħa minħabba fl-ammont ta' sigaretti li kien ipejjep. Qal ukoll li l-pazjent kellu problemi biex jibla' u kien hemm riskju li l-ikel imurlu fil-pulmun, u għalhekk dan kien ġie preskritt dieta ta' ikel likwidu jew artab, iżda Reuben Borg kien jitma' lil missieru kull tip ta' ikel, anki dak li kien ta' periklu għalih. Ix-xhud qal li fis-27 ta' Mejju, 2016, l-attur Reuben Borg kien mar fis-sala tal-isptar flimkien ma' ommu, u dawn insistew li kellhom jaraw id-dormitorju fejn kien jorqod missieru. Ix-xhud spjega li fl-Isptar Monte Carmeli hemm regoli stretti dwar il-viżitaturi sa fejn għandhom jidħlu, u mhux permess li l-pubbliku in ġenerali jidħol fid-dormitorji. Qal li minkejja li huwa kien spjega

dan lill-attur, dan ma riedx jifhem u beda jgħajjat, u beda jgħid li jrid jara l-*handrails* fil-kamra. Ix-xhud qal li hu spjegalu li fil-kamra fejn kien jorqod missieru ma kienx hemm *handrails,* u l-uniċi *handrails* li kien hemm kienu dawk fil-kuritur. Qal li meta sema' hekk, l-attur ħareġ fil-kuritur u beda jissara mal-poġġaman, u rnexxielu jaqla' biċċa minnu, u jgħid li dik il-biċċa poġġaman kien sejjer jeħodha miegħu l-Qorti. Ix-xhud qal li hu ġibed l-attenzjoni tal-attur li l-poġġaman kellu għadd ta' viti ħerġin minnu, u b'dak l-aġir l-attur kien qiegħed ipoġġi persuni oħra fil-periklu. Kompla jgħid li hu kien informa lill-kap eżekuttiv tal-isptar b'dan l-inċident, u kien ingħata direzzjoni jmur jagħmel rapport l-għassa ta' Birkirkara. Żied jgħid li wara l-inċident, kien hemm episodji oħra fejn il-pazjent reġa' ddaħħal l-Isptar Monte Carmeli, iżda ibnu kien jiffirma biex joħorġu. Qal ukoll li f'xi żmien il-pazjent kien ġie rikoverat f'dar privata, iżda kien tkeċċa minn hemm minħabba fl-aggressjoni li wera, u minħabba li kien ikkawża ħsara f'dik id-dar. Ix-xhud qal li kien hemm diversi rakkomandazzjonijiet għall-kura tal-pazjent, iżda d-dieta preskritta kienet tħalliet l-istess. Qal li fit-23 ta' Ottubru, 2016, il-pazjent reġa' beda jipprova jaqbeż 'il barra mis-sodda, billi jgħaddi minn bejn il-ġenb u t-tastiera kif kien għamel l-ewwel darba, iżda kien hemm infermiera li indunaw b'dan u waqqfuh. Żied jgħid li fit-3 ta' Novembru, 2016, Enrico Borg kellu episodju ta' aggressjoni fil-konfront ta' bintu. Qal li sa dak iż-żmien Enrico Borg kien irkupra l-mobilità tiegħu, u kien reġa' beda jimxi billi jserraħ mas-siġġu tar-roti u użah bħala *walking aid.* Ix-xhud qal li s-saħħa tal-pazjent iddeġenerat kompletament fit-12 ta' Diċembru meta dan beda jisgħol bid-demm u jsofri minn qtugħ ta' nifs, u kien għalhekk li dan ittieħed l-Isptar Mater Dei, fejn miet ftit tal-jiem wara.

Ix-xhud **Jesmond Bonett**, *health assistant* fl-isptar Monte Carmeli[53], kien xehed li Enrico Borg kellu problemi ta' mobilità, u kien tpoġġa f'kamra fejn kien hemm pazjenti li lkoll kienu jeħtieġu superviżjoni kontinwa. Dan ix-xhud qal li hu kien preżenti fil-kamra meta seħħ l-inċident, u l-pazjent filli kien rieqed, u filli qam u beda jitlob is-sigaretti. Qal li dak il-ħin hu u kollega tiegħu spjegawlu li ma setgħux jitilqu pazjent ieħor minn idejhom biex jagħtuh dak li ried, u meta ra hekk, Enrico Borg ipprova jiżżerżaq mis-sodda minn bejn il-ġenb tas-sodda li kien mgħolli u t-tastiera tas-sodda n-naħa tar-riġlejn. Ix-xhud qal li hu kien pront telaq lill-pazjent l-ieħor u pprova jilħaq lil Borg, iżda dan ta pass 'il quddiem u waqa' fl-art b'mod li ġie taħt it-tastiera tas-sodda n-naħa tar-riġlejn. Ix-xhud qal li hu u kollega tiegħu irnexxielhom jerfgħu lill-pazjent mill-art u jtellgħuh lura fis-sodda, u marru jinfurmaw lill-*head of shift* b'dak li kien ġara. Żied jgħid li mill-komunikazzjoni li kellu mal-pazjent wara l-inċident, dan ma weriex li kien muġugħ, iżda ried ipejjep. Dan ix-xhud ikkonkluda x-xhieda tiegħu billi qal li l-attur Reuben Borg ma kienx jimxi mal-*care plan* imfassal għal missieru, u dan spiss kien jinjora l-istruzzjonijiet li jingħata mill-impjegati tal-isptar.

Waqt l-udjenza tat-3 ta' Mejju, 2019, sar il-kontroeżami tal-attur **Reuben Borg**[54], li qal li missieru kien mar fil-*home* ta' Sa Maison minħabba li l-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016 kien affettwah kemm mentalment kif ukoll fiżikament. Qal li missieru kien għamel ħabta dieħel u ħiereġ l-Isptar Monte Carmeli, iżda wara ċertu snin dan kien stabbilizza ruħu. Ix-xhud qal li bħala familja huma kienu għamlu minn kollox biex missierhom ma jkollux għalfejn jerġa' jiġi

[53] *A fol.* 345 tal-proċess.
[54] *A fol.* 362 tal-proċess.

rikoverat l-Isptar Monte Carmeli, u kienu ppruvaw saħansitra jqabbdu *carer* li tkun tista' tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' missierhom fil-kumdità ta' daru.

Waqt l-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' **Sharon Borg**[55], li qalet li missierha dam rikoverat fil-*home* ta' Sa Maison madwar ħamest ijiem.

## Konsiderazzjonijiet legali

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għall-inċident li seħħ fl-24 ta' Mejju, 2016 ġewwa l-Isptar Monte Carmeli fejn kien rikoverat missierhom Enrico Borg, u konsegwenza ta' dan l-inċident, missierhom allegatament sofra debilità permanenti u kumplikazzjonijiet li wasslu għall-mewt tiegħu. F'dan l-inċident, Enrico Borg, persuna deskritt minn familjari tiegħu bħala "vulnerabbli" minħabba fid-diversi problemi ta' saħħa li kellu, waqa' u sofra ksur f'ġenbu, bil-konsegwenza li kellu jiġi operat u sussegwentement kellu jingħata l-fiżjoterapija għar-riabilitazzjoni tiegħu. L-atturi jgħidu li saħħet missierhom baqgħet sejra lura wara l-inċident inkwistjoni, peress li beda jħossu li tilef l-indipendenza tiegħu kompletament, u l-istat ġenerali ta' saħħtu baqgħet sejra lura sakemm miet fl-Isptar Mater Dei ftit xhur wara.

Il-Qorti tinsab rinffaċċjata b'verżjonijiet kofliġġenti dwar il-mod kif suppost seħħ l-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016. L-atturi jsostnu li l-inċident seħħ meta missierhom ipprova jserraħ ma' poġġaman li kien hemm f'wieħed mill-kurituri tal-istess sptar, liema poġġaman allegatament ċeda bil-piż tiegħu, bir-riżultat li Enrico Borg waqa' fl-art. L-atturi ma kinux ma' missierhom fil-ħin meta seħħ l-

[55] *A fol*. 368 tal-proċess.

inċident, u għalhekk din il-verżjoni tagħhom dwar kif seħħ l-inċident, hija bbażata biss fuq dak li Enrico Borg  kien qal lill-familjari tiegħu.

Min-naħa l-oħra l-Qorti semgħet lill-membri tal-i*staff* fis-sala fejn kien rikoverat Enrico Borg, li qalu li l-inċident seħħ meta Borg talab l-assistenza ta' wħud minn dawn l-impjegati sabiex joħrġuh mis-sodda biex ikun jista' jmur f'kamra fl-isptar fejn huwa permess it-tipjip. L-inċident seħħ fis-sitta u nofs ta' filgħodu u l-i*staff* li kien preżenti fis-sala fejn seħħ l-inċident qalu li dak il-ħin huma kienu impenjati jassistu pazjent ieħor, u għalhekk ma setgħux jitilqu lil dan il-pazjent minn idejhom biex jgħinu lil Enrico Borg jinżel mis-sodda tiegħu. Meta ra li ma kien mar ħadd jassistih, Enrico Borg ipprova jinżel mis-sodda waħdu, billi allegatament iżżerżaq minn bejn il-ġnub tas-sodda, bl-iskop li jilħaq is-siġġu tar-roti li kien viċin tiegħu. Kien dak il-ħin li Borg allegatament waqa' mis-sodda u spiċċa fl-art. Xhieda li kienu fl-istess kamra jew fl-akkwati fejn seħħ l-inċident, qalu li Borg ittella' lura fis-sodda tiegħu, u wara li ġie stabbilit li l-*vital signs* tiegħu kienu tajbin, intalbet l-assistenza ta' tabib li kien xogħol fl-isptar sabiex jeżamina lill-pazjent u jara kienx hemm il-ħtieġa li dan jintbagħat l-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti tqis li irrispettivament minn fejn seħħ l-inċident, jekk kienx fil-kuritur meta ċeda poġġaman li ma kienx imwaħħal sew, jew kienx fis-sala fejn kien rikoverat Enrico Borg wara li rnexxielu jiżżerżaq minn bejn il-ġnub tas-sodda u jaqa' fl-art, jibqa' l-fatt li Enrico Borg kien qiegħed taħt *level one supervision,* li jfisser li dan kellu jkollu monitoraġġ kontinwu u persuna għassa miegħu l-ħin kollu sakemm dam rikoverat l-Isptar Monte Carmeli. Noel Vidal, l-infermier li dak il-lejl kien iċ-*charge nurse* f'dik is-sala tal-isptar, xehed li dakinhar li seħħ l-inċident, fl-istess sala fejn kien rikoverat Enrico Borg, kienu b'kollox ħames

pazjenti, li kellhom bżonn livell għoli ta' superviżjoni, imma impjegati kien hemm erbgħa. Dan ifisser li l-*employee to patient ratio* ma kienx dak preskritt għal ċirkostanzi bħal dawn, għaliex suppost li kien hemm ħames impjegati ma' ħames pazjenti u mhux inqas. Ix-xhud Jesmond Bonett xehed li fil-ħin meta Borg talab l-assistenza, hu ma kienx f'qagħda li jitlaq il-pazjent l-ieħor minn idejh, għax fl-istess sala kien hemm għadd ta' pazjenti li kollha kienu jeħtieġu livell għoli ta' superviżjoni, u kien għalhekk li Borg iddeċieda li jipprova jasal sas-siġġu tar-roti waħdu, billi jiżżerżaq minn bejn il-ġenb u t-tastiera tas-sodda.

Il-Qorti tagħmel riferiment għax-xhieda tad-diversi impjegati fis-sala inkwistjoni tal-Isptar Monte Carmeli, li lkoll kienu jafu lil Enrico Borg sew peress li dan spiss kien ikun rikoverat f'dan l-isptar, u li lkoll qalu li Borg kien bniedem impulsiv, "jgħix biex ipejjep", u li kapaċi jsir aggressiv meta ma jiħux dak li jrid, partikolarment meta jkun irid ipejjep u ma jsibx sigaretti. Jirriżulta li Borg kien persuna li kellu diversi problemi ta' saħħa li għalihom kien jeħtieġ mhux biss kura medika, li mix-xhieda prodotti f'din il-kawża u minn dak li jirriżulta mid-dokumenti esebiti, jirriżulta li ngħatatlu mid-diversi paramediċi li assistewh tul is-snin, iżda wkoll kura bbażata fuq superviżjoni kontinwa. Jirriżulta li minkejja li l-problema tat-tipjip li kellu Borg ikkontribwiet mhux ftit għad-diversi problemi mediċi li dan kellu, dan kien jitħalla jpejjep u saħansitra l-paramediċi li kienu jaħdmu fl-istess sala tal-isptar fejn kien rikoverat, kienu jafu li jekk Borg ma jsibx is-sigaretti xħin ifittixhom, dan kien jirreaġixxi b'aggressjoni u b'impulsività. Huwa proprju l-fatt li Enrico Borg intalab jistenna sakemm ikun jista' jassistih xi ħadd jinżel mis-sodda, u minħabba li ma kienx hemm biżżejjed impjegati biex joffru assistenza f'waqtha fil-ħin li Borg esprima x-xewqa li jpejjep sigarett, li wassal lil Borg jipprova jinżel mis-sodda waħdu

billi jiżżerżaq, bil-konsegwenza li dan waqa' u sofra l-ksur f'ġenbejh. Il-Qorti, filwaqt li tifhem iċ-ċirkostanzi li l-ħaddiema fl-isptarijiet iridu jaħdmu fihom, madanakollu quddiem il-fatti kif irriżultaw f'din il-kawża, trid tirrileva li meta ssir rakkomandazzjoni professjonali li għandu jkun hemm tant ħaddiema ma' tant pazjenti, dan ma jsirx b'kapriċċ. F'ċirkostanzi fejn ħaddiema f'sala li tilqa' fiha pazjenti daqstant vulnerabbli, jitħallew lejl jaħdmu b'inqas impjegati milli suppost, kif irriżulta mill-provi miġjuba fil-kawża, ir-riżultati jafu jkunu serji kemm għall-impjegati, kif ukoll għall-pazjenti li huma jridu jindukraw. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti qiegħda tistabbilixxi li kien hemm nuqqasijiet amministrattivi li wasslu għall-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016, li għalihom għandha twieġeb l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa, u speċifikament id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa. Jirriżulta li l-inċident inkwistjoni seħħ kemm għaliex n-numru ta' impjegati f'dik is-sala partikolari ma kienx adegwat biex ilaħħaq mal-ħtiġijiet tal-pazjenti fis-sala, kif ukoll għax f'sala li jkunu rikoverati fiha pazjenti daqstant vulnerabbli, hemm sistema ta' sodod, li minkejja li jkollhom il-ġnub imtellgħin, xorta waħda pazjent jirnexxielu jiżżerżaq u joħroġ mis-sodda u jispiċċa jaqa' fl-art, li jfisser li f'dawn is-swali hemm tagħmir li mhux sigur biżżejjed għat-tip ta' pazjenti li jridu jiġu kkurati f'dawn is-swali partikolari.

Il-Qorti tqis però li ma ġiex ippruvat li l-inċident inkwistjoni seħħ meta ċeda l-poġġaman fil-kuritur tal-isptar kif allegat mill-atturi, peress li minn dak li jirriżulta mill-provi, Enrico Borg ma kienx fi stat ta' saħħa tali li jippermettilu jimxi jew b'xi mod jasal sal-kuritur. Il-Qorti tqis li minkejja li l-inċident seħħ minħabba fin-nuqqasijiet amministrattivi msemmija, mill-provi ma jirriżultawx nuqqasijiet min-naħa tal-parameidiċi jew tal-professjonisti mediċi li assistew lil Enrico Borg wara l-waqgħa li kellu. Għall-kuntrarju, mill-provi jirriżulta li dawn

segwew il-protokoll stabbilit għal meta jiġru inċidenti bħal dak inkwistjoni, sar eżami tal-pazjent, inkiteb rapport, u ntalbet l-assistenza tat-tabiba tal-għassa fl-Isptar Monte Carmeli li ħasset li jkun aħjar jekk Borg jintbagħat l-Isptar Mater Dei sabiex jiġi stabbilit jekk kellux bżonn xi intervent kirurġiku minħabba ksur. Jirriżulta wkoll li wara li sar l-intervent tad-*dynamic hip screw* minħabba fil-ksur li sofra Enrico Borg, dan kien reġa' kiseb il-mobilità tiegħu, anki jekk ristretta. Jirriżulta wkoll li wara l-perijodu ta' riabilitazzjoni fl-Isptar Mater Dei, Enrico Borg ma xtaqx li jirritorna lura lejn l-Isptar Monte Carmeli, fejn kien tfassal pjan ta' kura fit-tul għalih, u minflok uliedu esploraw il-possibilità li dan ikollu *carer* jew li jintbagħat f'*home* privata għall-kura. Minkejja dawn l-isforzi tal-familjari ta' Enrico Borg sabiex jinstabu faċilitajiet oħra fejn seta' jieħu l-kura, il-kundizzjoni ta' saħħtu kienet tali li kellu jerġa' jiġi rikoverat l-Isptar Monte Carmeli, kemm għax kellu episodji ta' vjolenza u aggressjoni fuq terzi, kif ukoll għax fil-*homes* privati fejn ulied Borg fittxew l-għajnuna, ma kienx permess it-tipjip.

Mill-provi jirriżulta kif fil-ġimgħat bejn dakinhar tal-waqgħa fl-Isptar Monte Carmeli f'Mejju tal-2016, u l-ġurnata tal-mewt ta' Enrico Borg, li seħħet fl-4 ta' Jannar, 2017, kien hemm diversi episodji fejn Borg iddaħħal l-Isptar Monte Carmeli għall-kura u għal xi raġuni jew oħra dan reġa' ħareġ. Qabel seħħ l-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016, Enrico Borg kien tpoġġa fuq dieta ta' ikel likwidu jew artab minħabba l-kundizzjoni respiratorja li kien ibati minnha Borg, għax kien hemm ir-riskju li jifga jekk jiekol ikel solidu. Jirriżulta wkoll li din il-kundizzjoni medika li minħabba fiha Borg tpoġġa fuq dieta ta' likwidi, kienet teżisti qabel l-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016. F'Diċembru tal-2016, Borg żviluppa sogħla kerha u beda jesperjenza qtugħ ta' nifs, u kien għalhekk li t-tim paramediku fl-Isptar Monte Carmeli irrefera lil Borg l-Isptar Mater Dei għal

aktar kura, fejn Borg miet fl-4 ta' Jannar, 2017. Il-kawża tal-mewt ta' Enrico Borg jirriżulta li kienet '*pulmonary fibrosis, micro cardial infarction* u *paranoid schizophrenia'.* Ma jirriżultax li hemm xi konnessjoni, imqar remota, bejn il-waqgħa li sofra Enrico Borg, u l-fatt li seba' xhur wara dan żviluppa problemi respiratorji li konsegwenza tagħhom spiċċa miet. Għall-kuntrarju, il-konsulent ortopediku Mr John Casaletto, fir-rapport mediku tiegħu kiteb:

> *"His death is not related and has not been accelerated by this injury and as the death certificate states is due to respiratory pathology."*

It-tabib Charles Mallia Azzopardi ukoll kien tal-istess fehma, li ma kien hemm ebda ness ta' kawża u effett bejn il-waqgħa li sofra Enrico Borg, u l-mewt tiegħu xhur wara:

> *"... recurrent pulmonary infections on a background of heavy smoking ... Mr. Borg was treated for a presumed pulmonary chronic aytpical mycobacterial infection and eventually discharged to MCH on the 7th October 2016. His stay at MCH was complicated by an episode of acute polmonary odema secondary to left ventricular failure and episodes of severe agitation."*

Dan ifisser li anki jekk l-imsejjaħ fil-kawża jinżamm responsabbli għan-nuqqasijiet amministrattivi li minħabba fihom Enrico Borg sofra l-waqgħa tal-24 ta' Mejju, 2016, dan bl-ebda mod ma jista' jitqies li għandu jinżamm responsabbli għall-mewt tiegħu peress li ma jirriżulta l-ebda ness bejn il-waqgħa ta' Borg u l-kawża tal-mewt tiegħu, li ġrat għal raġunijiet li ma kellhomx x'jaqsmu mal-inċident tal-24 ta' Mejju, 2016. Ma tirriżulta ebda prova in sostenn tat-teżi tal-atturi li l-mewt ta' missierhom b'xi mod kienet konnessa mal-waqgħa tiegħu f'Mejju ta' qabel, u għall-kuntrarju ta' dan, jirriżulta mill-provi li fil-ġranet ta' wara l-intervent kirurġiku li kien sar fuq

missierhom, il-mobilità tiegħu kienet tjiebet. Dak li wassal u kkontribwixxa għall-mewt ta' Enrico Borg ftit tax-xhur wara, ma kienx relatat bl-ebda mod mal-inċident inkwistjoni, kif ġie konkluż mid-diversi konsulenti mediċi li invistaw lil Enrico Borg tul dawk ix-xhur.

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li filwaqt li l-imsejjaħ fil-kawża Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa għandu jagħmel tajjeb għad-danni materjali u l-ispejjeż inkorsi mill-atturi b'konsegwenza tal-waqgħa ta' missierhom, madanakollu m'hemm l-ebda danni oħra li l-konvenuti għandhom iwieġbu għalihom in vista tan-nuqqas ta' konnessjoni kawżali bejn il-mewt ta' Borg u n-nuqqasijiet amministrattivi li l-Qorti ikkonkludiet li kien hemm fit-tmexxija tal-Isptar Monte Carmeli.

Mill-provi prodotti jirriżulta li d-danni materjali sofferti mill-familjari ta' Borg minħabba l-kura li dan kellu jieħu wara l-waqgħa li kellu, jammontaw għal elf, mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€1,108.20), konsistenti fi ħlas għal servizzi ta' *health care* lil Apex Community Care[56], ħlas għar-residenza fil-Marina Palace Home[57], ħlas għar-residenza fis-Sa Maison Retirement Home[58], kif ukoll ħlas għal servizz ta' *carer* ipprovdut minn emCare Group Malta Limited.[59] Huma dawn id-danni materjali li l-Qorti qiegħda tiddeċiedi li l-imsejjaħ fil-kawża Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa għandu jagħmel tajjeb għalihom.

Il-Qorti qiegħda tiddeċiedi wkoll, li in vista tan-nuqqas ta' konnessjoni bejn il-waqgħa ta' Mejju 2016, u l-mewt ta' Enrico Borg, m'hemm ebda danni oħra

[56] *Fol.* 221 tal-proċess - €163.20
[57] *Fol.* 224 tal-proċess - €640
[58] *Fol.* 222 tal-proċess - €280
[59] *Fol.* 229 tal-proċess - €25.

x'jiġu likwidati favur l-atturi, u dan in linea mal-prinċipju li - "kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu", li jfisser ukoll li ħadd mhuwa mistenni li jagħmel tajjeb għal danni li ma jiġux ikkawżati bi ħtija tiegħu.

## Decide

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba tal-atturi limitatament sa fejn qiegħda ssib lill-imsejjaħ fil-kawża Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa għandu jinżamm responsabbli għall-inċident li seħħ fl-24 ta' Mejju, 2016, li konsegwenza tiegħu Enrico Borg sofra waqgħa fl-Isptar Monte Carmeli, liema waqgħa però ma jirriżultax mill-provi li wasslet biex missierhom Enrico Borg isofri debilità permanenti u kumplikazzjonijiet li wasslu għall-mewt tiegħu;**

2. **Tilqa' t-talba tal-atturi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti minn Enrico Borg fl-ammont ta' elf, mija u tmien Euro u għoxrin ċenteżmu (€1,108.20) bħala danni materjali sofferti minnhom konsegwenza tal-waqgħa li kellu missierhom fl-Isptar Monte Carmeli;**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Servizzi tas-Saħħa għall-ħlas tal-imsemmija danni;**

**Spejjeż tal-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn l-atturi u l-imsejjaħ fil-kawża.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**